MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 39/2014

**Wilfred u Mary konjugi Mifsud**

**Vs**

**L-Avukat Generali**

Permezz ta' rikors prezentat fit-22 ta' Mejju 2014 ir-rikorrenti lmentaw minn dewmien fil-proceduri **Mary Louis Ronsisvalle proprio et nomine et vs Wilfred Mifsud et** (159/2010) li bdew fis-17 ta' Frar 2010 u gew decizi fil-15 ta' Mejju 2014. F'dawk il-proceduri r-rikorrenti talbu ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' numru ta' kambjali, wara li fid-29 ta' Jannar 2010 il-konjugi Mifsud ipprezentaw ittra ufficjali *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12. Il-qorti laqghet it-talba.

Fir-rikors promotur ir-rikorrenti konjugi Mifsud talbu lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li minhabba 'l fatt li d-digriet tar-rikors 159/2010 fl-ismijiet Mary Louise Ronsisvalle proprio et nomine et vs Wilfred Mifsud et li nghata fil-15 ta' Mejju 2014, u cioe' iktar minn erba' snin wara l-prezentata tar-rikors, gie lez lilhom id-dritt fundamentali protett bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.
2. Tiddikjara li minhabba tali vjolazzjoni r-rikorrenti sofrew danni kemm pekunjarji u morali.
3. Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti d-direttivi li tqies xierqa, sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Dan taht kull provvediment li jidhrilha xieraq u opportun.

L-Avukat Generali wiegeb (fol. 10):

1. Proceduri ta' din ix-xorta m'humiex mahsuba biex jiehdu post proceduri ordinarji. Dan apparti li m'humiex intizi biex jirrimedjaw ghal nuqqasijiet tar-rikorrent. Jekk ir-rikorrenti jemmnu li ghandhom jithallsu minghand il-parti l-ohra, kellom jipproponu kawza skond il-provvedimenti tal-Kodici tal-Kummerc.
2. Ir-rikorrenti ma ghandhomx dritt jippretendu li jigbru l-kreditu minghand l-Istat Malti li qatt ma kien firmatarju tal-kambjali.
3. Jekk ir-rikorrenti tilfu l-jedd tal-azzjoni li jipproponu l-actio cambiaria, dan hu tort taghhom.
4. Ladarba r-rikorrenti jafu li t-terminu tal-azzjoni kien ta' hames snin ma kien hemmxejn xi jzommhom milli jipprocedu direttament kontra l-familja Ronsisvalle skont l-Artikolu 542 tal-Kodici tal-Kummerc.
5. Ir-rikorrenti ghadhom bic-cans li jitolbu l-ezekuzzjoni tal-kambjali kontra l-familja Ronsisvalle. L-ewwel pass tal-azzjoni kambjarja ttiehed mir-rikorrenti meta huma pprezentaw l-ittra ufficjali fid-29 ta' Jannar 2010 mahruga skont l-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12. B'dik l-ittra ufficjali r-rikorrenti bdew il-mekkanizmu sabiex isarrfu l-kambjali f'titoli ezekuttiv. Ghalhekk l-azzjoni bdiet fit-terminu kontemplat fl-Artikolu 542 tal-Kodici tal-Kummerc.

6. Meta r-rikorrenti bdew il-proceduri that l-Artiklu 253(e) tal-Kap. 12, il-preskrizzjoni msemmija fl-Artikolu 542 tal-Kap. 13 gie sospiz ghaliex kif tghallimna l-gurisprudenza lokali jekk l-ezercizzju tal-azzjoni jkun jiddependi mill-ezitu ta' gudizzju iehor, il-pendenza ta' dak il-gudizzju l-iehor jikkostitwixxi impediment legittimu ghall-ezercizzju tad-dritt u jissospendi l-preskrizzjoni.
7. Ghalkemm il-proceduri damu erba' snin, ma jfissirx bilfors li kien hemm dewmien ingustifikat. Hi gurisprudenza kostanti u stabbilita li irragonevolezza taz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet ghaddejja kawza, izda ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi ta' kull kaz.
8. Biex it-talba tar-rikorrenti tigi kkunsidrata irid jigippruvat li mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien kien wiehed kappriccjuz u mahsub sabiex jizvantagga lir-rikorrenti fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom. Mill-verbali tal-qorti u tal-Assitant Gudizzjarju jirrizulta li ma kien hemm l-ebda dewmien ingustifikat jew xi tnikkir li gej mill-istruttura tal-qorti. Ukoll bhala seduti fil-parti l-kbira taghhom dejjem sar xi haga. L-esponent ma jifhimx kif ir-rikorrenti jilmentaw meta jirrizulta li:
   i. is-seduta tal-4 ta' Lulju 2011 quddiem l-Assistant Gudizzjarju kellha tithassar minhabba li ma kienux prezenti r-rikorrenti u d-difensur taghhom;
   ii. ir-rikorrenti ma pprezentawx nota ta' sottomissjonijiet fit-terminu moghti mill-qorti;
   iii. fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2013, ir-rikorrenti mifnlok ittrattaw oralment il-kaz, talbu sabiex jerga' jinghatalhom zmien biex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet;
   iv. Ghal darb'ohra r-rikorrenti ma ressqux in-nota ta' sottomissjonijiet fiz-zmien prefiss mill-qorti, tant li fis-27 ta' Gunju 2013 talbu ghal aktar zmien;
9. Ir-rikorrenti ma jistghux jippretendu li l-allegat kreditu jithallsu tiehu permezz ta' dawn il-proceduri kostituzzjonali. Kumpens f'kawza ta' natura kostituzzjonali mhux ekwivalenti ghal danni civili li huma rekuperabbli quddiem il-qrati ordinarji. Jekk jinstab li kien hemm dewmien irragonevoli, skond l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, ir-rimedju ghandu jkun biss kumpens li jikkonsisti f'danni morali u xejn iktar.

Il-partijiet ipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet.

Il-qorti rat l-atti tar-rikors 159/2010 minn fejn jirrizulta hekk:

- Fis-17 ta' Frar 2010 Ronsisvalle pprezentaw rikors li bih talbu s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' kambjali;
- Ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghas-seduta tat-22 ta' April 2010. Dakinhar il-qorti tat lill-konjugi Mifsud l-opportunita' li jipprezentaw twegiba fi

zmien erbat ijiem. Il-kaz gie differit ghall-provi u trattazzjoni ghal 24 ta' Gunju 2010;

- Fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2010 xehedet Mary Louis Ronsisvalle u l-qorti tat lir-rikorrenti 30 jum sabiex jipprezentaw affidavits. Inoltre nkarigat Assistent Gudizzjarju sabiex isiru l-kontro-ezamijiet quddiemu. Ir-rikors gie differit ghat-trattazzjoni finali ghas-seduta tat-18 ta' Novembru 2010. Il-konjugi Mifsud inghataw tletin gurnata, minn meta jigu notifikat bl-affidavits ta' Ronsisvalle, sabiex jipprezentaw l-affidavits.
- Fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2010 il-kawza giet differita *sine die* peress li r-rikorrenti ma deherux.
- Wara rikors li pprezentaw Ronsisvalle fil-11 ta' April 2011 sabiex il-kaz jerga' jitpogga fuq il-lista tal-kawzi ghas-smiegh, il-kaz gie appuntat ghas-seduta tal-4 ta' Lulju 2011. Il-qorti regghet inkarigat Assistent Gudizzjarju, din id-darba sabiex jingabru l-provi quddiemu.
- Mill-atti ma jirrizultax li l-kawza nstemghet fl-4 ta' Lulju 2011.
- Quddiem l-Assistant Gudizzjarju saru seduti fl-4 ta' Lulju 2011, 29 ta' Settembru 2011, 4 ta' Novembru 2011, 6 ta' Dicembru 2011, u 7 ta' Jannar 2012. Fis-seduta tad-29 ta' Settembru Ronsisvalle ddikjaraw li m'ghandhomx iktar provi filwaqt li fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2011 il-konjugi Mifsud iddikjaraw li ma kellhomx iktar provi. Fl-ahhar seduta d-difensuri talbu li l-atti jintbaghatu quddiem il-qorti sabiex ir-rikors jigi appuntat ghas-smiegh.
- Fid-19 ta' Jannar 2012 rega' nghata digriet li bih il-kaz gie appunta ghas-smiegh ghas-seduta tat-13 ta' Marzu 2012. F'dik is-seduta l-partijiet inghataw zmien sabiex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet u r-rikors gie differit ghal 31 ta' Jannar 2013 ghad-decizjoni.
- Fl-20 ta' April 2012 Rosinsvalle pprezentaw nota ta' sottomissjonijiet.
- Fis-17 ta' Jannar 2013 il-kawza giet assenjata biex tinstema' quddiem gudikant iehor. Fil-fatt fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2013 il-qorti ordnat li terga' ssir trattazzjoni u l-kawza giet differita ghas-seduta tad-9 ta' Mejju 2013 ghat-trattazzjoni.
- Fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2013 id-difensuri tal-partijiet talbu li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijet u l-kawza giet differita ghas-27 ta' Gunju 2013.
- Fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2013 il-konjugi Mifsud talbu li jinghataw iktar zmien sabiex jipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet. Il-qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghal 21 ta' Novembru 2013 ghat-trattazzjoni finali.
- Fil-31 ta' Lulju 2013 il-konjugi Mifsud ipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet.
- Fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2013 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx x'izidu u r-rikors gie differit ghal 20 ta' Frar 2014 ghad-decizjoni.
- Fis-seduta tal-20 ta' Frar 2014 ir-rikors gie differit ghal 15 ta' Mejju 2014.
- Fil-15 ta' Mejju 2014 inghatat decizjoni finali.

Ir-rikorrenti lmentaw li d-dewmien wassal sabiex:

*"…. ir-rikorrenti sofrew pregudizzju rrimedjabbli stante li minhabba f'dan it-trapass bla bzonn, ir-rikorrenti issa ma jistghux jezercitaw l-azzjoni kambjarja stante li ghaddew aktar mill-hames snin dekadenza kontemplata fl-Artikolu 542 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk minhabba f'dan id-dewmien l-esponenti tilfu madwar €11,000".*

Il-qorti tosserva:-

i. Fir-rikors tas-17 ta' Frar 2010 ir-rikorrenti Ronsisvalle kienu qeghdin jilmentaw li:

   (a) Seba' mill-kambjali jghidu li Ronsisvalle huma l-kredituri tal-konjugi Mifsud;
   (b) Il-kambjali kellhom difett fil-forma (Artikolu 123 tal-Kodici tal-Kummerc);
   (c) Bejn il-kontendenti ma kenitx tezisti relazzjoni guridika tant li hadd minnhom ma ffirma l-kambjali;

   Fit-twegiba l-konjugi Mifsud kienu accettaw li l-ewwel seba' kambjali kienu nulli. Ghalhekk il-vertenza kienet limitata fuq is-seba' kambjali l-ohra. Mill-atti hu wkoll evidenti li l-kaz li kellha quddiemha l-qorti ma kienx kompless.

   M'hemmx dubju li r-rikors 159/2010 ma kellux jiehu dak iz-zmien kollu sabiex tinghata decizjoni finali. Il-procedura ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' kambjali ghandha tkun sommarja, fejn fuq bazi ta' *prima facie* l-qorti trid tiddetermina jekk hemmx ragunijiet gravi li jimmeritaw l-opposizzjoni ghall-ezekuzzjoni tal-kambjali.

ii. Fl-ebda stadju ma sar xi ilment mill-konjugi Mifsud li l-proceduri qeghdin jitwalu u li kienu ser jigu ppregudikati fid-drittijiet taghhom.

iii. Ma kien hemm xejn li jzomm lir-rikorrenti milli jipproponu l-azzjoni kambjarja meta raw li kien ghaddej iz-zmien.

iv. Fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2010 il-konjugi Mifsud kellhom l-opportunita' li jitolbu li r-rikors jigi kkancellat u b'hekk jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju (Artikolu 199 tal-Kodici Civili). Madankollu baqghu siekta u minflok ir-rikors gie differit *sine die*. Dan wassal ghal iktar dewmien sakemm fil-11 ta' April 2011 Ronsisvalle pprezentaw rikors u talbu li jigi appuntat ghas-smiegh.

v. Ghalkemm il-konjugi Mifsud kellhom jipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet fi zmien 40 jum mit-23 ta' April 2012, data meta d-difensur taghhom gie notifikat bin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, kien biss fil-21 ta' Lulju 2013 li pprezentawha. Dan ifisser iktar minn sena wara.

vi. Fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2013 il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni ghad-9 ta' Mejju 2013. Dakinhar minflok saret trattazzjoni d-difensuri tal-partijiet talbu li jaghmlu nota ta' sottomissjonijiet. Dan wassal ghal iktar telf ta' zmien bla bzonn. Sahansitra l-konjugi Mifsud baqghu ma pprezentawx in-nota ta' sottomissjonijiet fit-terminu li nghataw u fis-seduta ta' wara, 27 ta' Gunju 2013, il-talbu li jinghataw l-opportunita' li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet. Il-qorti laqghet it-talba u tathom sal-ahhar ta' Lulju 2013.

vii. M'huwiex il-kompitu ta' din il-qorti li taghmel xi dikjarazzjoni fis-sens li kieku l-konjugi Mifsud kellhom jipprocedu b'kawza, il-jedd ta' azzjoni ntilef minhabba dekadenza jew preskrizzjoni. Dik hi materja li ghandha tigi trattata u deciza f'proceduri *ad hoc*.

Mehud in konsiderazzjoni dawn ic-cirkostanzi l-qorti ma tistax tilqa' l-ilment tar-rikorrenti. Jekk ir-rikorrenti huma tal-fehma li tilfu l-jedd ta' azzjoni kontra Ronsisvalle ma jistghux jitfghu t-tort fuq haddiehor. M'ghandux ikun li parti f'proceduri gudizzjarji:

- Tibqa' passiva u ma tilmentax fejn ikun hemm lok;
- Bl-agir taghha stess tikkontribwixxi ghad-dewmien fil-proceduri gudizzjarji;
- Tilmenta li l-proceduri gudizzjarji damu meta kellha l-mezzi sabiex tissalvagwardja l-interessi taghha. Jekk ir-rikorrenti tilfu xi jedd dan gara minhabba li baqghu passivi u huma stess kkontribwew b'mod sostanzjali ghad-dewmien;

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom**.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------